MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2009

Numru 53/2007

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR ANGELO GAFA**

**KONTRA**

**OMAR MALLIA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Omar Mallia ta’ 30 sena, bin Louis u Alfrida nee’ Borg, mwieled Pieta nhar id- 9 ta’ Dicembru 1976, residenti fil-Facilita’ Korrettiva Kordin u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 65377M;

Li gie imressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) fl- 14 ta' Jannar 2007, ghal habta tas- 2.00pm fil-Belt Valletta, ikkommettew serq ta' stereo tal- marka Kenwood bil- valur ta' aktar minn mitt Lira Maltin u telefon cellulari bil- marka Samsung bil- valur ta' madwar Lm60 minn vettura bin- numru tar- registrazzjoni KIT 311, liema serq huwa kkwalifikat bil- mezz, valur u bix- xorta tal-haga misruqa;

2) fl- istess lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassru jew ghamlu hsara fuq vettura KIT 311, liema hsara tiskorri il- hamsin Lira Maltin izda mhux izjed minn ghaxar Liri.

Lil Omar Mallia wahdu nakkuzah talli:

3) fil- 5 ta' Jannar 2007, u fi zminijiet ta' qabel, f'dawn il- Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l- istess dispozizzjoni tal- Ligi u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda;

4) fil- 15 ta' Novembru 2006 fil- Fgura, b'mezzi kontra l- Ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wara haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l- ezistenza ta' intrapizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' madwar Lm424 bi hsara ta' Luciano Martinelli;

5) fil- 15 ta' Novembru 2006, fil- Fgura, approprija ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, Fridge Freezer, Electric Oven u Hob, b'valur ta' Lm 424, li gew fdati jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib l- obbligu tar- radd tal- haga jew li jsir uzu minnha specifikat minhabba, ghad- detriment ta' Luciano Martinelli;

6) Fit- 8 ta' Dicembru 2006, fil- Belt Valletta, b'mezzi kontra l- Ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l- ezistenza ta' intrapizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' madwar Lm 35 bi hsara ta' Joseph Agius;

7) Fit- 8 ta' Dicembru 2006, fil- Belt Valletta, approprija ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, mis- somma ta' Lm 35, li giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib l- obbligu tar- radd tal- haga jew li jsir uzu minnha specifikat minhabba depozitu necessarju, ghad- detriment ta' Joseph Agius;

8) Fit- 12 ta' Dicembru 2006, ghal habta tal- 5.00pm, fil- Belt Valletta, ikkommetta serq ta' telefon cellulari tal- marka Samsung;

9) Fis- 17 ta' Dicembru 2006, ghal habta ta' nofs inhar, fil- Belt Valletta ikkommetta serq ta' arlogg tal- marka Casio li jiswa madwar Lm 32;

10) Fis- 17 ta' Dicembru 2006, ghal habta ta' nofs inhar, ikkommetta serq mill- hanut Petrolea il- Belt Valletta, ta' Dehumidifier, tal- marka Eboc bil- valur ta' Lm 115 liema serq huwa kkwalifikat bil- valur;

11) Fit- 22 ta' Dicembru 2006 ghal habta tat- 8.00pm, ikkommetta serq mill- hanut Eurosport il- Belt Valletta, ta' diversi oggetti fosthom, basket li kien fih nuccali, Karta tal- Identita', dokumenti bankarji u oggetti ohra illi l- valur taghhom huwa aktar minn Lm 10 izda mhux iktar minn Lm 100, liema serq huwa kkwalifikat bil- hin;

12) Fl- 24 ta' Dicembru 2006, ghal habta ta' 10.30am ikkommetta serq mill- hanut J. Agius & Bros il- Belt Valletta, tal- arlogg tal- marka Casio bil- valur ta' madwar Lm 30;

13) Fit- 28 ta' Dicembru 2006, ghal habta tas- 5.45pm ikkommetta serq mill- hanut Tabletop il- Belt Valletta, ta' deep fryer tal- marka Philips bil- valur ta' Lm 30;

14) Fid- 29 ta' Dicembru 2006, ghal habta tas- 1.00pm, ikkommetta serq mill-hanut Eurochoice il- Belt Valletta, ta' arloggi u oggetti ohra bil- valur ta' Lm70;

15) Fl- 20 ta' April 2006 u fi zminijiet ta' qabel, il- Belt Valletta u f'postijiet ohra f'dawn il- Gzejjer, ghamel dikjarazzjoni falza jew ta taghrif falz, jew ipproduca xi dokument falz, ghal xi wiehed mill- ghanijiet tal- Att Dwar il- Karta tal- Identita' Kapitolu 258 tal- Ligijiet ta' Malta;

16) Fil- 5 ta' Jannar 2007, ghal habta tad- 9.00am, fil-Pieta, harab mill- kustodja tal- Pulizija, persuni nkarigati mill- kustodja tieghu waqt li kien qed jigi skortat mill-ghassa tal- Pulizija tal- Hamrun lejn l- isptar San Luqa;

17) B'hekk Omar Mallia jitqies li sar recidiv ghat-termini tal- Artikoli 49 u 50 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta wara li gie ikkundannat ghal reat b'diversi sentenzi mill- Qrati tal- Magistrati li saru definittivi.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat kien tressaq il-Qorti sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet indikati f'din il-kawza. Mill-provi prodotti, il-Qorti hi tal-fehma li l-imputazzjonijiet kollha hlief wahda gew ippruvati kontra l-imputat. Miz-zewg stqarrijiet tieghu esebiti bhala Dok JC1 u JC2 a fol. 39 *et seq*. tal-process, l-imputat ammetta uhud mill-imputazzjonijiet, u fl-istess

waqt cahad l-involviment tieghu f' ohrajn. Ghalhekk, dawk ammessi minnu, li ukoll gew ikkorroborati mix-xhieda prodotti mill-prosekuzzjoni, il-Qorti sejra twarrabhom ghal ftit, u tikkonsidra l-provi fid-dettall fuq l-imputazzjonijiet l-ohra.

L-imputat qed jammetti dawn l-imputazzjonijiet fiz-zewg stqarrijiet tieghu.
a) il-qligh b'qerq fuq oggetti kkonsenjati lilu mill-hanut Flamingo fil-15 ta' Novembru 2006, kif indikata fir-raba' u l-hames imputazzjoni;
b) dik ta' qligh b'qerq u/jew misapproprjazzjoni a dannu ta' Joseph Agius, kif indikata fis-sitt u s-seba' imputazzjoni;
c) is-serq ta' "mobile phone" a dannu ta' Ramona Cutajar, kif indikata fit-tmien imputazzjoni;
d) is-serq ta' arlogg minn Joseph Vella, kif indikata fid-disa' imputazzjoni;
e) is-serq ta' "deep fryer" minn "Table Top", kif indikata fit-tlettax-il imputazzjoni;
f) is-serq mill-hanut "Eurochoice", kif indikat fl-erbatax-il imputazzjoni;
g) il-harba mill-kustodja tal-Pulizija, kif indikata fis-sittax-il imputazzjoni.
B'hekk, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet 4 u 5, 6 u 7, 8, 9, 13, 14, u 16. Madankollu, ghalkemm hu ammetta li wettaq dawn ir-reati fl-istqarrija tieghu, baqa' ma ammetta l-ebda imputazzjoni minnhom tul is-smigh tal-kawza, u ghalhekk il-Qorti qieghedha tibbaza s-sejbien ta' htija ghal dawn l-imputazzjonijiet fuq l-istqarrijiet tieghu, li huma wara kollox il-prova regina fi proceduri kriminali. Din biss gia' hi bizzejjed biex l-imputat jigi dikjarat hati li wettaq dawn ir-reati indikati. Flimkien mal-provi l-ohra kollha prodotti fuq dawn l-istess imputazzjonijiet, li kollha jikkorroboraw l-istess ammissjoni tieghu u kollha jindikaw lill-imputat bhala l-persuna li wettaq dawk ir-reati, il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li l-imputat effettivament wettaq dawk l-istess reati.

Jifdal ghalhekk li l-Qorti tesamina l-provi fuq l-imputazzjonijiet l-ohra, jigifieri, l-ewwel u t-tieni, l-ghaxar, il-hdax, it-tnax, is-sittax, u l-addebitu tar-recidiva. It-tielet

imputazzjoni hija proprjament l-attribuzzjoni tar-reat kontinwat li, peress illi hawnhekk m'ahniex qed nittrattaw l-istess reat imwettaq diversi drabi, ma jistax jigi kkonsidrat.

Qabel ma l-Qorti sejra tesamina l-provi fuq l-imputazzjonijiet li fadal, sejra tesamina l-kredibilita' tal-imputat, u dan peress illi ghalkemm hu ma xehedx in difesa, innega l-involviment tieghuf'dawk ir-reati indikati hawn fuq fl-istqarrijiet moghtija minnu lill-Pulizija *'a tempo vergine'*. Minn dawn iz-zewg stqarrijiet, l-imputat pprova jehles mill-htija billi jinnega li kien hu li wettaq uhud mir-reati in kwistjoni. Hekk, per ezempju, fl-istqarrija tieghu a fol. tal-process hu jghid li qatt ma' dahal fil-hanut tal-Eurosport, meta hemm ritratti esebiti fil-process juru li hu qieghed hemm fil-gurnata u l-hin meta saret is-serqa minn dak il-hanut. Dawn jinsabu esebiti bhala Dok RV2 a fol. 167 tal-process. Hekk ukoll, meta' fl-istess stqarrija a fol. 40 jghid li hu ha arlogg minn ghand il-hanut ta' Joseph Vella fis-17 ta' Dicembru 2006 ghax l-istess sid qallu biex jiehdu, dan hu kontraddett mill-istess Joseph Vella, kemm mill-Okkorrenza esebit a fol. 55 tal-process kif ukoll fix-xiehda tieghu a fol. 209 *et seq*. tal-process. Finalment, il-verzjoni moghtija mill-imputat fl-istqarrija tieghu rigward l-ewwel u t-tieni imputazzjoni hi differenti minn dik moghtija mix-xhud Stephen Nappa, li kien tressaq fuq l-istess imputazzjoni u ammetta ghaliha. Dawn il-konflitti fil-provi, fil-fehma tal-Qorti, iwaqqghu ghal kollox il-kredibilita' tal-imputat.

Izda din biss m'hix sufficjenti biex tigi dikjarata htija fuqu ghall-imputazzjonijiet l-ohra kollha. Ghalhekk, il-Qorti sejra tittratta dawn l-imputazzjonijiet *seriatim* u tezamina l-provi fuqhom, biex tasal ghall-htija *o meno.*

Fuq l-ewwel u t-tieni imputazzjoni, giet esebita kopja tal-Okkorrenza a fol. 43 tal-process, u xehdu Kieth Gravina (fol. 120), Neville Cassar (fol. 326), Stephen Nappa (fol. 333), u l-istess Keith Gravina riprodott in kontro-ezami (fol. 338). Minn dawn il-provi rrisulta li fl-14 ta' Jannar 2007 insteraq "stereo" mill-vettura ta' Keith Gravina, u wara li ghamel rapport mal-Pulizija dan mar saqsa lil xi

hbieb tieghu f’ Bieb il-Belt jekk jafux xi haga fuq dan is-serq, u dawn indikawlu li ftit ilu gew Nappa u l-imputat biex jippruvaw ibieghuh. Din il-prova wehidha hi ‘detto del detto’ u allura insufficjenti. Sussegwentement Gravina mar ifittex lil Nappa u l-imputat, u sabhom it-tnejn id-dar ta’ Nappa. Hu staqsihom ghall-istereo, u Nappa hareg u gabulu lura. Fix-xiehda ta’ Stephen Nappa, dan innega li l-imputat kien mieghu meta insteraq l-istereo, u jghid li l-imputat iltaqa’ mieghu wara li serqu. Dan, izda, hu kontraddett mill-imputat stess fl-istqarrija tieghu, meta hu jghid li ltaqa’ ma’ Nappa, izda dan f’xi hin ma baqax miexi mieghu u rah wara li kien gia’ seraq l-istereo u marru d-dar ta’ Nappa. Bid-dovut rispett lejn l-imputat u x-xhud, il-Qorti ma’ tista’ temmen l-ebda wahda minn dawn il-verzjonijiet. Tant ma jaqblux fuq elementi essenzjali, li bil-fors qed jippruvaw jahbu l-verita’, u l-uniku skop li jahbu l-verita’ hi ghax it-tnejn serqu l-istereo flimkien. Dan hu imsahhah mill-fatt li l-imputat kien id-dar ma’ Nappa ftit wara s-serqa, u skond l-imputat stess kienu ukoll fl-imkien anke qabel is-serqa. Biex kumbinazzjoni tal-kumbinazzjonijiet ma kienux flimkien biss ghal ftit mumenti meta Nappa seraq l-istereo wahdu hi haga tal-ghageb, u ghalhekk, peress illi l-imputat gie mqieghed fil-lok u l-hin tas-serq, kif ukoll fil-pussess tal-oggett misruq, flimkien ma’ persuna ohra, minghajr ma jaghti spjegazzjoni jew gustifikazzjoni, dan jirrendih komplici tar-reat, u ghaldaqstant qed jinstab hati ta’ hekk.

Kwantu ghall-ghaxar imputazzjoni, li tittratta s-serq ta’ “dehumidifier” mill-hanut Petrolea fis-17 ta’ Dicembru 2006, fuq dan ir-reat ma gewx prodotti provi sufficjenti li kien l-imputat li effettivament seraq dan l-oggett. Ix-xhieda tal-prosekuzzjoni ma identifikawx lill-persuna li wettqet din is-serqa, u ghalhekk l-imputat ghandu jigi lliberat minn din l-imputazzjoni.

Kwantu ghall-hdax-il imputazzjoni, dik ta’ serq ta’ proprjeta’ ta’ klijent mill-hanut Eurosport fit-22 ta’ Dicembru 2006, giet esebita l-Okkorrenza a fol. 61 tal-process. Inoltre, ir-ritratti esebiti a fol. 166 u 167 tal-process iqieghdu lill-imputat fil-lok u l-hin tar-reat minghajr spjegazzjoni jew gustifikazzjoni minnu. Anzi, hu innega li

qatt kien hemm dak inhar, u allura l-Qorti bil-fors ikollha suspett li hu m'hux qed ighid il-verita' meta' jinnega l-presenza tieghu hemm minkejja li r-ritratti esebiti juru l-kontra. Din il-prova wehidha, fil-fehma tal-Qorti, hi sufficjenti biex tinstab htija fih ghal dan ir-reat.

Kwantu ghat-tnax-il imputazzjoni, dik ta' serq mill-hanut "J Agius & Bros" fl-24 ta' Dicembru, 2006, giet esebita l-Okkorrenza tal-Pulizija a fol. 65 tal-process, u gew prodotti Cynthia Agius (fol. 185) u PS 549 Pace (fol. 213) bhala xhieda, b'dik ta' l-ewwel tidentifika lill-imputat bhala l-persuna li serqet l-oggett in kwistjoni. Bi provi daqshekk skjaccanti kontra l-imputat, ma tantx hemm x' izzid.

Kwantu ghall-hmistax-il imputazzjoni, li ghamel dikjarazzjoni falza jew ta taghrif falz, jew ipproduca document falz, rigward il-bdil fl-indirizz tieghu fuq l-ID Card, ma kienx hemm rapport ma' Ufficjal tal-Pulizija, izda din xorta tirrisulta mix-xiehda ta' Anthony McKay (fols. 145 u 316 in kontro-ezami) u ta' Emerenziana Agius (fol. 200). L-imputat jiddikjara fl-istqarrija tieghu li hu kellu l-kunsens ta' McKay biex jibdel l-indirizz tieghu fuq l-ID Card u jnizzel il-garaxx ta' McKay bhala l-indirizz tieghu. Mill-banda l-ohra, McKay fix-xiehda tieghu jikkontradici dan u jichad li qatt ippermetta lill-imputat addirittura jghix fil-garaxx tieghu, aktar u aktar li jippermettilu li jbiddel l-indirizz fuq l-ID Card. Ghalhekk din l-imputazzjoni ukoll, fil-fehma tal-Qorti, tirrisulta soddisfacentement ippruvata.

Kwantu ghall-addebitu tar-recidiva, bil-pataflun ta' sentenzi esebiti u bil-fedina penal ital-imputat, din ma tistax hlief tigi ddikjarata ppruvata. Issa, ghal dak li jirrigwarda piena, il-Qorti tirrimarka qabel kollox li l-imputat, waqt l-iter tal-process, kien donnu ghamel sforz biex jaqbad triq tajba f'hajtu. Dan jixhduh id-dokumenti esebiti a fols. 337 sa 342 mill-Ufficjal tal-Probation Carmen Nygaard fis-seduta tal-10 ta' April 2008, izda kwazi immedjatament wara, fil-25 ta' Settembru 2008, l-imputat tressaq fuq ksur tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest, gie misjub hati minn din l-istess Qorti kif presjeduta, u apparti l-piena ghal dak ir-reat tilef ukoll il-beneficcju tal-helsien mill-arrest. Minn dak iz-zmien 'l

hawn, hu ressaq provi in difesa li fil-verita' ftit li xejn ghenuh fid-difiza tieghu. Ghalhekk, ghall-finijiet tal-komputazzjoni tal-piena, l-ewwel imputazzjoni ggib maghha piena ta' massimu ta' tliet snin, u t-tieni wahda tal-hsara volontarja – li hija mezz ghall-fini tas-serq – u li ma teccedix il-hamsin Lira Maltin (illum €116), qed tigi assorbita f' ta' l-ewwel. Ir-raba' imputazzjoni, marbuta mal-hames, iggib maghha piena ta' seba' xhur sa sentejn prigunerija, u s-seba' imputazzjoni, konnessa mas-sitt wahda, iggib maghha piena ta' tlitt xhur sa tmintax-il xahar prigunerija. L-imputazzjonijiet l-ohra huma ta' serq taht il-Lm100 (illum €233) u wahda taht il-Kap 258.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 18, 49, 50, 261, 263, 267, 270, 271, 293, 294, 308, 309, 310, 325(1)(c) tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikolu 4 tal- Kapitolu 258 tal- Ligijiet ta' Malta.

Din il- Qorti ma ssibx lill- imputat hati tal- ghaxar (10) imputazzjoni u ghaldaqstant tilliberah minnha;
Issibu hati tal- ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjoni, bhala komplici, bl-assorbiment tal-piena kif inghad aktar 'il fuq, tar-raba' (4), tas-seba' (7), it-tmien (8), id-disa' (9), il-hdax (11), it-tnax (12), it-tlittax (13), l-erbatax (14), il-hmistax (15) u s-sittax (16), kif ukoll tal-addebitu tar-recidiva (17);
Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames imputazzjoni, li inghatat bhala alternattiva ghar-raba', u tas-sitt imputazzjoni li nghatat bhala alternattiva ghas-seba';
U tiddikjara inoltre li l-attribuzzjoni tar-reat kontinwat hija inapplikabbli ghal dawn ir-reati (3);

Ghaldaqstant tikkundannah ghal terminu ta' tlitt (3) snin prigunerija, minn liema perijodu ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-imputat ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proceduri.

Il- Qorti spjegat il- portata tas-sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------